MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 121/2005

Anglu, Pawlu, Margherita, xebba,
Grazzia mart Gio Maria Sciberras,
Salvu, Joseph u Maria mart Karmenu Galea,
Ilkoll aħwa Mizzi .

vs

Joseph Cauchi,
U Dolores sive Doris Cauchi
F'isimha u bħala mandatarja tal-
Imsiefer żewġha Francesco Cauchi.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma sidien u attwali possessuri ta’ biċtejn raba fil-kontrada Ta’ Wied Biljun, fil-limiti tal-Qala;

Illi l-ewwel biċċa raba fiha kejl ta’ ċirka elf erba’ mija u tmenin metri kwadri (1480 m.k.) u tmiss mill-Lvant ma’ beni tal-konvenuti, punent ma’ passaġġ u nofsinhar ma’ beni tal-familja Xuereb jew irjieħ verjuri (ara Dok. A u senjatament fejn hemm il-kliem Area 1);

Illi t-tieni biċċa raba fiha kejl ta’ ċirka tlett mija u tnax-il metru kwadru (312 m.k.) u tmiss tramuntana u punent ma’ beni tal-konvenuti u lvant ma’ beni ta’ Emanuel Mizzi (ara Dok. A u senjatament fejn hemm il-kliem Area 3);

Illi l-konvenuti huma l-possessuri u proprjetarji ta’ biċċa raba oħra tal-kejl ta’ ċirka mitejn tmienja u sebgħin metri kwadri (278 m.k.) jew kejl ieħor verjuri u tmiss mit-tramuntana ma’ beni tal-istess konvenuti, u mill-irjieħ l-oħra ma’ beni ta’ Francis Mizzi, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha u bil-pussess vakant;

Illi l-proprjeta’ fil-pussess ta’ l-atturi tgawdi minn sistema ta’ irrigazzjoni permezz ta’ pipes u kanen ta’ l-ilma li għaddej minn fejn u taħt il-passaġġ;

Illi r-raba ta’ l-istess atturi huwa aċċessibbli minn passaġġ li jgħaddi minn fuq ir-raba li huwa fil-pussess tal-konvenuti kif ukoll jissaqqa permezz ta’ pipes u kanen ta’ l-ilma, liema pipes u kanen ta’ l-ilma jgħaddu minn fejn u minn taħt il-passaġġ;

Illi reċentement il-konvenuti, jew terzi ingaġġati minnhom bdew xogħlijiet ta’ bini ta’ ħajt fuq din ir-raba. Illi b’dan il-bini l-konvenuti sejrin ineħħu l-qsami eżistenti li jifirdu l-Area 2 mill-area 3 hawn fuq deskritti. Illi dawn il-qsami huma f’linja vertikali u mmarkati b’linja C-D fuq Dok. A;

Illi wkoll bl-istess xogħlijiet il-konvenuti sejrin ineħħu l-istess pipes tad-drip u kanen li hemm għaddejjin minn fejn u taħt il-passaġġ kif ukoll sejrin ineħħu l-istess passagg b’tali mod u manjiera illi kull aċċess għar-raba fl-area 3 (Ara Dok. A) mill-Area 1 (ara Dok. A) ser tispiċċa;

Illi l-atturi talbu permezz ta’ rikors il-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 74/05 fl-ismijiet Anglu Mizzi et - vs – Joseph Cauchi et sabiex l-istess konvenuti jiġu inibiti milli jagħmlu dawn ix-xogħlijiet u b’hekk jibqgħu mantnuti fil-pussess u t-tgawdija tad-drittijiet tagħħhom;

Illi b’digriet datat 4 ta’ Novembru, 2005 il-konvenuti ġew hekk inibiti milli jissoktaw bix-xogħlijiet lamentati.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tmantni lill-atturi fil-pussess sħiħ tad-drittijiet u tgawdija tal-proprjeta’ tagħhom hawn fuq deskritta, u dan fl-istat li kienu qabel ma bdew dawn ix-xogħlijiet inkluż ukoll id-drittijiet tagħhom ta’ passaġġ u d-dritt tagħhom ta’ tgawdija ta’ l-ilma permezz ta’ pipes ta’ drip u kanen ta’ l-ilma u dan anke jekk hemm bżonn billi jiġi dikjarat illi x-xogħlijiet li sejrin jagħmlu u dawk li diġa’ saru mill-konvenuti sejrin inaqqsu l-pussess tagħhom.

2. Tirreintegra lill-atturi fil-pussess sħiħ ta’ l-istess drittijiet tagħhom kif hawn fuq deskritti billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat jagħmlu dawn ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex ipoġġu kollox fl-istat pristinu tiegħu u dan taħt is-sorveljanza ta’ perit nominat għal dan l-iskop;

3. Fin-nuqqas, ċioe’ jekk il-konvenuti jonqsu li jagħmlu dawn ix-xogħlijiet, l-atturi jiġu huma awtorizżati jagħmlu dawk ix-xogħlijiet kollha neċessarji kif qabel spjegat, taħt id-direzzjoni ta’ l-istess perit nominat u dana a spejjeż tal-konvenuti.

4. Tinibixxi permanentement lill-konvenuti milli jagħmlu dawk l-istess xogħlijiet kif hawn fuq deskritti.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta’ Inibizzjoni numru 74/2005 kontra l-konvenuti, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Anglu Mizzi.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi preliminarjament il-konvenut Joseph Cauchi ma huwiex leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat minn l-osservanza tal-ġudizzju, stante illi huwa ma huwiex proprjetarju ta' l-ebda wieħed mis-siti mertu tal-kawża, la qatt awtorizża xi xogħlijiet minn dawk lamentati fil-kawża u lanqas qatt għamel xi xogħlijiet. Il-fatt illi huwa iben is-sidien tal-fond (il-konvenuti l-oħra) ma jikkwalifikahx bħala li għandu interess f'xi waħda m it-talbiet vantati fiċ-ċitazzjoni.

2. Illi wkoll fuq lineja preliminari, iċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla stante illi fiha kumulu bejn il-petitorju u l-possessorju. Fil-fatt filwaqt illi l-ewwel tlett talbiet fiċ-ċitazzjoni huma ta' natura possessorja, ir-raba' talba hija ta' natura petitorja. Dan il-kumulu ta' azzjonijiet iwassal għan-nullita ta' l-istess ċitazzjoni.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-atturi ma setgħux jipproċedu b'kawża li fiha jitolbu li jiġu mantenuti fil-pussess, għaliex minkejja x-xogħlijiet li kienu bdew kwalunkwe allegat pussess baqa' sħiħ u integru stante illi ġie protett bil-mandat ta' inibizzjoni msemmi fiċ-ċitazzjoni. Ma jistgħux l-atturi jitolbu li jiġu mantenuti f'allegat pussess li qatt ma ntilef. L-azzjoni kompetenti għalihom kellha tkun dik purament ta' natura petitorja.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma huwiex minnu illi l-atturi għandhom xi dritt ta' passaġġ jew li jgħaddu pipes minn fuq l-art tal-konvenuti.

5. Illi mhux biss l-atturi ma għandhomx dan id-dritt iżda lanqas qatt kellhom il-pussess ta' dak allegat minnhom.

6. Illu kull ma kienu qed jagħmlu l-konvenuti huwa li jtellgħu ħajt ta' diviżjoni li jifred iż-żewġ proprjetajiet. Dritt illi huwa mogħti lil kull sid ta' art, bil-liġi.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke *dato sed non concesso*kieku l-atturi kellhom xi drittijiet bħal dawk allegati, xorta waħda ma jistgħux iżommu lil konvenuti minn li jtellgħu ħajt ta' diviżjoni, u d-dritt tagħhom ikun biss li jkollhom aċċess igawdu dawk is-servitujiet. Għalhekk it-talbiet kwantu diretti sabiex jitneħħew ix-xogħlijiet eżegwiti u li ma jsirux ix-xogħliiet, taħt l-ebda ipotesi ma jistgħu jreġu.

8. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Doris Cauchi.

Rat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Novembru 2009 fejn innominat lill-A.I.C. Alex Bigeni bħala perit tekniku.

Rat id-dgriet tagħha tal-11 ta' Frar 2010 fejn irrevokat l-inkarigu tal-perit tekniku.

Rat il-verbal tagħha tad-19 ta' Novembru 2010 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed ifittxu li jiġu mantnuti fil-pussess ta' dritt ta' passaġġ u dritt li jgħaddu l-ilma li huma jgħidu li għandhom minn fuq l-art tal-konvenuti deskritta fiċ-ċitazzjoni, wara li allegatament ġew immolestati f'dan il-pussess permezz ta' xogħlijiet li bdew jitwettqu fl-istess art mill-konvenuti. Il-konvenuti jiċħdu li l-atturi għandhom jew qatt gawdew xi dritt simili minn fuq l-art tagħhom u għalhekk lanqas setgħu immolestawhom fit-tgawdija ta' ebda dritt.

Dwar l-iskop ta' l-azzjonijiet possessorji r-**Ricci** jispjega illi:

"*il possesso…. e' costituito da una condizione di fatto che la legge, nell'interesse dell'ordine sociale, vuole sia rispettata. Nell'intento di assicurare questo rispetto, essa accorda l'esercizio delle azioni possessorie, il cui scopo e' appunto quello di conservare o di ristabilire una condizione di fatto che esige rispetto*." (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile. vol. V # 92).

Dawn l-azzjonijiet possessorji taħt il-Kodiċi Civili tagħna huma tnejn u ċioe':

(i) l-azzjoni sabiex il-pussessur jinżamm fil-pussess f'każ ta' molestja (art. 534); u

(ii) l-azzjoni għar-radd tal-pussess f'każ ta' spoll (art. 535).

Fl-ewwel każ l-attur li jkun ġie disturbat fil-pussess jitlob li ma jibqgħax jiġi mfixkel fit-tgawdija tiegħu tal-ħaġa. Fit-tieni każ jitlob li jerġa' jitqiegħed fl-istat li kien qabel ma ġie mneżża bi vjolenza jew bil-moħbi minn dak il-pussess. Il-**Borsari** hekk ifissir id-distinzjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet:

"*Chi e' molestato nel possesso puo' chiedere la manutenzione e chi e' stato spogliato del possesso puo' chiedere la reintegrazione: in quel caso il possesso si ritiene quantunque intorbidato dalla molestia, in questo il possesso e' perduto*." (Comm. Cod. Civ. Vol. II # 1186).

F'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet: "**Grace Agius v. Angiolina Cutajar** (Kollez. XLIII. I. 97), insibu din id-definizzjoni klassika ta' l-elementi ta' l-azzjoni possessorja tal-manutenzjoni: "*Sabiex din l-azzjoni tista' tirnexxi jeħtieġ li jirrikorru erba' elementi, u ċioe':*

*(a) l-attur irid jipprova li l-azzjoni tiegħu tirrigwarda oġġett immobbli jew universalita' ta' ħwejjeġ mobbli;*

*(b) li huwa jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun, tal-ħaġa,*

*(c) li jkun ġie mmolestat f'dan il-pussess, u*

*(d) li l-azzjoni tkun ġiet eżerċitata fi żmien sena mill-molestja.*
*Inoltre, skond il-liġi, il-pussess irid ikun fis-sens tad-definizzjoni mogħtija mill-artikolu 524 tal-Kodiċi Civili (Kap. 16). Huwa għalhekk indifferenti jekk il-pussess kienx leġittimu jew illeġittimu, in buona fede jew in mala fede u jekk ikollux bħala oġġett id-detenzjoni tal-ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' xi jedd, basta li dik id-detenzjoni u dik it-tgawdija tkun "animo domini". Jiżdied ukoll illi kwantu għall-molestja, din tista' tikkonsiti fi kwalunkwe att ġuridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja għall-pussess ta' ħaddieħor."(ara ukoll* **Michele Azzopardi v Giuseppe Farrugia** *- Kollez. XXVII. I. 622).*

Fil-kawża tagħhom l-atturi jitolbu wkoll illi x-xogħlijiet magħmula mill-konvenuti, u li bihom jgħidu li ostakolawlhom dan id-dritt ta' passaġġ, jiġu mneħħija. Għar-rigward tal-kwistjoni jekk f'kawża ta' manutenzjoni, kif għandna fil-każ in eżami, tistax tintalab ir-reintegrazzjoni bħal ma jsir f'waħda ta' spoll, ir-**Ricci** jgħid illi:

"*Coll'azione in manutenzione si chiede la conservazione o il mantenimento dello stato di fatto in cui il possessore si trova; e poiche' la condizione attuale di cose non puo' mantenersi se non a patto che la turbativa cessi, quindi e' che nella domanda di manutenzione in possesso si contiene implicita e come conseguenziale l'altra d'inibizione al turbatore di proseguire nell'opera o nel fatto molesto da lui intrapreso*…..

*E sifatta inibizione puo' riuscire qualche volta insufficiente a raggiungere lo scopo; imperocche', supposto che il fatto turbativo abbia prodotto variazione nello stato materiale della cosa o nel modo con cui si possedeva, e' evidente che <u>il mantenimento della condizione di fatto in cui il</u>*

*possessore si trova non si ottiene se non restituendo le cose nel primiero loro stato*." (op. cit. #96).

Hekk naraw per eżempju li fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Mejju 1991 f'kawża simili ta' manutenzjoni fil-pussess fl-ismijet: "**Michele Calleja v. Emanuela Cassar et.,**" li ġiet ukoll ikkonfermata fl-Appell, il-Qorti laqgħet, fost oħrajn, it-talba ta' l-attur sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati "…*jagħmlu dak li hu necessarju sabiex il-passaġġ imsemmi fiċ-ċitazzjoni jerġa' jitqiegħed fl-istat oriġinali tiegħu li kien fis-sajf tas-sena 1978*" (Kollez. Vol. LXXVIII. II 358).

Huwa evidenti għalhekk illi anke f'kawża bħal dik ittentata mill-atturi, t-talba għar-reintegrazzjoni fl-istat oriġinali hija permessa, anzi kif qal ir-Ricci fil-bran ċitat, xi kultant anke indispensabbli biex l-attur jerġa' jiġi fit-tgawdija li kien fiha oriġinarjament.

Il-kontendenti huma l-proprjetarji u attwali possessuri tat-tliet biċċiet raba fl-inħawi ta' Wied Biljun, limiti tal-Qala, Għawdex. L-atturi għandhom ir-raba indikata "*area 3*" u "*area 1*" fuq il-pjanta minnhom esebita bħala "Dok. A" maċ-ċitazzjoni, u l-konvenuti għandhom l-art ta' bejniethom, immarkata "*area 2*" fuq l-istess pjanta.[1] L-atturi jikkontendu li ġew molestati bil-fatt li l-konvenuti bdew idawwru l-għalqa tagħhom b'ħajt tal-kantun, b'tali mod li kieku ma ġewx miżmuma tempestivament, kienu ser jimblukkawlhom passaġġ minn fuq ir-raba tal-konvenuti, li minnu kienu jgħaddu biex jaqsmu minn għalqa għall-oħra tagħhom. Hekk ukoll b'dawn ix-xogħlijiet ma kienux jistgħu jibqgħu jgħaddu l-*pipes* ta' l-ilma tat-tisqija mill-istess passaġġ.[2]

Qabel pero' ma nipproċedu biex naraw jekk jeżistux fil-każ in eżami l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din, jeħtieġ li jiġu ttrattati xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari mressqa mill-konvenuti.

---

[1] Ara pjanta esebita a fol. 6 tal-process .
[2] ara ritratti AM 1, AM 2 u AM 3 a fol. 58 - 59 tal-process .

L-ewwel waħda tittratta l-*locus standi* tal-konvenut Joseph Cauchi f'din il-kawża. Il-konvenuti jeċċepixxu li dan għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, billi jsostnu li ma kellu bl-ebda mod x'jaqsam mal-fatti lmentati mill-atturi. Dan il-konvenut huwa iben il-konvenuti l-oħra konjuġi Cauchi. Huwa jgħix fl-esteru u meta saret il-kawza, inserta kien f'dawn il-gżejjer għall-vaganzi. Ma rriżulta li għandu ebda sehem mill-proprjeta' ta' l-għalqa li l-konvenuti akkwistaw permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dr. Paul Pisani tas-7 ta' Mejju 1994. [3] Anzi rriżulta ampjament mill-provi illi x-xogħlijiet lamentati kienu qed jitwettqu minn ħaddiema inkarigati mill-konvenuta Doris Cauchi u binha ma kellu xejn x'jaqsam magħhom. Infatti lanqas l-istess atturi qatt ma rreferew għal xi ħaġa minn dak li ġara li setgħet kienet imputabbli għalih.  Din l-eċċezzjoni timmerita għalhekk li tiġi milqugħa.

Il-konvenuti jissottomettu wkoll illi l-atturi ma setgħu ġew molestati bl-ebda mod bix-xogħlijiet magħmula minnhom. Dan għaliex huma ġew miżmuma permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni hekk kif kienu għadhom kemm bdew bix-xogħlijiet tagħhom,[4] u għalhekk l-atturi ma laħqux ġew disturbati fit-tgawdija ta' l-allegati drittijiet tagħhom. Imma kif sewwa qalet il-Qorti ta' Kassazzjoni taljana fil-bran ċitat mill-atturi fin-nota ta' l-Osservazjonijiet tagħhom: "… *la molestia  possessoria puo' realizzarsi, anche senza tradursi in attivita' materiale, attraverso manifestazioni di volonta' che devono pero' esprimere la ferma intenzione del dichiarante di tradurre in atto il suo proposito, mettendo in pericolo l'altrui possesso*."[5] Il-konvenuti qatt ma ċaħdu li l-ħsieb tagħhom tassew kien illi jdawwru l-għalqa tagħhom b'ħajt tal-kantun, u li ma kienu ser iħallu ebda fetħa fih. Għalhekk, minkejja li l-atturi setgħu jibqgħu jgħaddu mill-għalqa tal-konvenuti, anke meta saret din il-kawża, ma jistax jingħad li din kienet intempestiva għax kien għadu ma hemmx ebda molestja.

---

[3] ara kopja tac-Certifikat ta' Titolu mahrug mir-Registratur ta' lArtijiet, esebita bhal Dok. DC 1 a fol. 98 - 102 tal-process  .
[4] Ara atti tal-mandat ta' Inibizjzoni numru 74/2005 fl-istess ismijiet .
[5] Cass. 19.02.1999,  nro. 1409 .

Il-konvenuti jeċċepixxu wkoll in-nullita' tal-kawża għax fil-fehma tagħhom hemm kumulu tal-petitorju mal-possessorju. Dan  għaliex filwaqt illi l-ewwel tliet talbiet huma ta' natura possessorja, ir-raba waħda għandha mill-petitorju għaliex tinvolvi inibizzjoni perpetwa lill-konvenuti milli jgħalqu l-passaġġ in kwistjoni. Huwa minnu illi biex tintlaqa' talba bħal din irid qabel xejn jiġi stabilit id-dritt reali pretiż mill-atturi, ħaġa li ma tistax issir f'kawża bħal din.  Imma hawnhekk mhux qed jintalab dan id-dritt, imma sempliċement il-konsegwenza naturali tiegħu, ħaġa li fil-fehma ta' din il-Qorti ma tirrendix il-kawża nulla, imma biss li ġġib iċ-ċaħda ta' din it-talba.

Niġu issa għalhekk għat-trattazzjoni tal-mertu. Billi l-kawża preżenti hija waħda possessorja, din il-Qorti ma hix tenuta tiddeċidi dwar l-eżistenza o meno ta' dritt ta' passaġġ ta' l-atturi u mogħdija għall-*pipes* ta' l-ilma tagħhom minn fuq ir-raba tal-konvenuti, imma sempliċement illi huma, fiż-żmien illi saret il-kawża, kellhom il-**pussess** ta' dan il-passaġġ u mogħdija għall-*pipes*. Pero', kif rajna fil-ġurisprudenza hawn fuq iċċitata, a differenza ta' kawża ta' spoll, dan il-pussses, f'kawża ta' manutenzjoni, huwa kwalifikat, għax irid ikun ***animo domini***. Sabiex jirnexxu fit-talbiet tagħhom, l-atturi huma għalhekk fid-dover illi jippruvaw dan it-tip ta' pussess u xejn inqas. Minn dak li rriżulta mill-provi prodotti f'din il-kawża, il-Qorti mhix konvinta illi l-aċċess illi l-atturi kienu qegħdin jagħmlu minn fuq ir-raba tal-konvenuti ma kienx qed isir b'mera tollerenza. Infatti rriżulta li l-konvenuti kienu xtraw l-għalqa tagħhom mingħand kuġin ta' missier l-atturi, u skond ma qalu l-konvenuti, din begħhielhom  għax kien iddejjaq bil-kwistjonijiet ma' l-atturi. Fi kwalunkwe każ pero', xorta waħda ma jistax jingħad illi l-atturi kellhom il-pussess li trid il-liġi f'każijiet simili. L-artikolu 524(1) tal-Kap. 16 jistipula li "***l-pussess huwa d-detenzjoni ta' ħaġa korporalli jew it-tgawdija ta' jedd, li tagħhom tista' tinkiseb il-proprjeta', u li wieħed iżomm jew jeżerċita' bħala tiegħu nnifsu***." [6]

[6] sottolinear ta' din il-Qorti .

Fil-każ in eżami jidher li l-atturi qegħdin jippretendu li akkwistaw id-dritt li jgħaddu minn fuq l-għalqa tal-konvenuti bis-saħħa tal-preskrizzjoni, għax minn dejjem kienu jagħmlu hekk, mhux huma biss, imma anke misserhom qabilhom. Imma dritt ta' passaġġ jista' jinkiseb bil-preskrizzjoni kemm-il darba dik l-art tkun interkjuża.[7] Jirriżulta pero' li l-atturi għandhom aċċess dirett għall-għelieqi tagħhom minn żewġ passaġġi li hemm fin-naħa tal-punent u ta' lvant ta' dawn l-għelieqi u li jwasslu sat-triq pubblika[8] u għalhekk ma jistax jingħad li dawn huma interkjużi. Fir-rigward tal-passaġġ ta' għalqa minnhom, l-atturi allegaw illi dan ġie ristrett b'xi xogħolijiet magħmula mill-konvenuti f'okkażżjoni oħra. Imma dawn dan baqgħu qatt ma ressqu ebda provi. Żgur għalhekk illi safejn l-atturi qed jibbażaw il-pretensjoni tagħhom ta' dritt ta' pasaġġ akkwistat bis-saħħa tal-preskrizzjoni, ma jistax jingħad li xi darba setgħu jiksbu dan id-dritt, ġialadarba l-għelieqi tagħhom la qatt kienu u lanqas huma interkjużi.

Fir-rigward imbagħad tal-*pipes* li l-atturi jippretendu li jkomplu jgħaddu mill-istess passaġġ, jidher illi dwar dawk li għaddejjin mill-wiċċ tal-passaġġ, dan kien qed isir ukoll b'mera tolleranza, tant illi meta kien ser jibda x-xogħol tal-bini fl-għalqa tal-konvenuti, ma ssemma xejn dwarhom, naturalment għax il-konvenuti qatt ma setgħu basru li l-atturi kienu ser jivvantaw xi drittijiet li jgħaddu dawn il-*pipes* minn fuq ħwejjiġhom.[9] Imma meta fil-mori ta' din il-kawża, kienu tqegħdu xi *pipes* oħra, l-konvenuti mbagħad pprotestaw minnufih dwarhom ma' l-atturi permezz ta' l-ittra uffiċċjali tad-29 ta' Mejju 2007.[10] Imma, a tenur ta' l-artikolu 526 tal-Kap. 16, dak li jitħalla jsir bil-bona grazzja ma jistax jiswa ta' bażi għall-ksib tal-pussess.

Waqt l-aċċess miżmum fuq il-post minn din il-Qorti, wara li l-atturi ġew ordnati sabiex jiskavaw fil-viċinanzi, tfaċċat biċċa kanna tal-ħadid imsadda għaddejja proprju minn fejn l-atturi jallegaw li jgawdu passaġġ minn fuq l-għalqa

[7] art. 469(2) tal-Kap. 16 .
[8] ara pjanta esebita bhala Dok. DM 5 a fol. 234 tal-process .
[9] ara itttri legali tat-2.09.04 u tal-25.10.04, kopji ta' liema gew esebiti bhala Dokti. DM 7 u DM 8 a fol. 244 u 245 tal-process .
[10] ara kopja esebita a fol. 252 .

tal-konvenuti.[11] A tenur ta' l-artikolu 527 tal-Kap. 16, dak li wieħed jagħmel bil-moħbi lanqas ma jista' jiswa bħala bażi għall-ksib tal-pussess. Għalhekk, anke jekk l-atturi tassew kienu jgħaddu l-ilma għat-tisqija tar-raba tagħhom minn din il-kanna moħbija taħt il-wiċċ ta' l-art tal-konvenuti, dan kien qed isir mingħajr il-konoxxenza tagħhom.

Jirriżulta għalhekk illi la fir-rigward tal-passaġġ minn fuq l-art tal-konvenuti, u lanqas għal dak li għandu x'jaqsam mal-mogħdija tal-pipes ta' l-ilma għat-tisqija minn fuq l-istess art, l-atturi ma pruvaw li kellhom il-pussess tagħhom kif trid il-liġi f'kawża bħal din.

Għaldaqstant, billi l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw ta' l-inqas  wieħed mil-elementi ta' l-*actio manutentionis*, u ċioe' dak tal-pussess *animo domini* din il-kawża ma jistax ikollha suċċess.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ħlief it-tieni u t-tielet waħda, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi, apparti dawk relatati mat-tieni u t-tielet eċċezzjoni li għandhom jiġu ssoportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[11] ara verbal ta' l-access ta' l-4.06.2010 u partikolarment l-ahhar paragrafu a fol. 283 .